# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-3 ta' Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 209/2014 SM**

**Carmelo Vella**
**I.D. 0179561 (M)**

**vs.**

**Stanley Cardona**
**I.D. 132377 (M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-7 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi ghall-habta tat-8.00a.m. tad-9 t'April, 2004, kien l-ghalqa mqabbla lilhu f'Ta' Sqaq iz-Ziemel, il-Handaq, Hal Qormi, ghall-kacca;

1.2. Illi hawnhekk gie milqut b'tir ta' senter mill-intimat li kien fl-ghalqa ta' hdejh;

1.3. Illi l-intimat laqtu f'ghajnejh ix-xellugija, parti minn rasu, widnejh u drighu x-xellugija, u fuq in-naha tax-xellug ta' sidru;

1.4. Illi rizultat tal-istess wegga serjament, tant li llum ma jahdimx u hu dizabilitat, (ara foll 4);

1.5. Illi rizultat tal-istess ghamel operazzjonijiet f'ghajnejh ix-xellugija;

1.6. Illi kellu wkoll imur diversi drabi ghand professur tal-ghajnejn;

1.7. Illi c-comb li dahhlu fih ma jistghux jinhargu u fosthom hemm min qieghed f'rasu u vicin sidru;

1.8. Illi dan ic-comb jista' jinfetta l-gilda, id-demm u n-nervaturi;

1.9. Illi c-comb m'inhargx ghaliex dan kien johloq hsara;

1.10. Illi ghalhekk qed jinghata kura medika u medicini necessarji;

1.11. Illi kellu 43 sena meta sehh l-incident;

1.12. Illi l-intimat instab hati ta' proceduri kriminali fir-rigward, (ara foll 5 u 6);

1.13. Illi ghalkemm interpellat biex jaghmel tajjeb ghall-akkadut l-intimat baqa' inadempjenti, (ara foll 7 u 8);

I.14. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.14.1. Tiddikjara li l-intimat hu responsabbli ghall-incident li sehh fid-9 t'April, 2004, kif fuq indikat, li fih ir-rikorrenti sofra danni minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tal-kacca;

1.14.2. Tillikwida d-danni, okkorendo bl-opera ta' periti *nominandi*;

1.14.3. Tikkundanna lill-intimat ihallas id-danni hekk likwidati;

1.14.4. Salv kull dritt iehor lilu spettanti skont il-ligi;

1.14.5. Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet dovut skont il-ligi skont iz-zewg ittri ufficjali fuq riferiti;

2. Rat id-digriet taghha datat it-12 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh ghad-data hemm indikata, (ara foll 9);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-11 t'April, 2014, li permezz taghha l-intimat irrisponda sintetikament bil-mod segwenti:

3.1. Illi preliminarjament it-talba tar-rikorrenti hi preskritta *ai termini* tal-artikli 2153 u 2154 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3.2. Illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.3. Illi ghalhekk l-istess talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

3.4. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha datat is-7 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu ordnat il-kapovolgiment tal-provi biex tigi epurata l-eccezzjoni preliminari rigwardanti l-preskrizzjoni sollevata mill-intimat, (ara foll 20);

5. Semghet ix-xhieda prodotta;

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

7. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, (ara foll 43);

Ikkunsidrat:

8. Illi a bazi tad-digriet taghha datat il-21 ta' Gunju, 2016, din is-sentenza hi limitata ghall-epurazzjoni tal-eccezzjoni preliminari biforkuta tal-intimat rigwardanti il-preskrizzjoni minnu sollevata ibbazata kif minnu stess indikat fuq l-artikli 2153 u 2154 tal-Kap 16 fuq riferiti, (ara foll 43 u foll 17);

9. Illi l-partijiet rilevanti tal-imsemmija artikloli jistabbilixxu s-segwenti:

**2153.** "L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn;

**2154.** "(1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali";

Ikkunsidrat:

10. Illi permezz tas-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Zammit vs. Joseph Bonello*** datata t-***8 t'Ottubru, 2004***, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** iriteniet is-segwenti fir-rigward:

> "Ghall-finijiet tal-preskrizzjoni l-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tliet kazijiet ta' danni:
>
> 1. Dawk li jigu minn reati veri u proprji ossija, minn fatti punibbli kriminalment, f'liema kaz il-preskrizzjoni civili hija dik tal-azzjoni kriminali – artiklu 2154;
>
> 2. Dawk li jigu minn fatti li mhumiex reati, imma mhumiex lanqas inadempjenza kontrattwali, cioe` dawk derivanti minn kolpa akwiljana, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn – artiklu 2153 -; u fl-ahhar nett

3. Dawk li jidderivaw, minn inadempjenza kontrattwali, f'liema kaz hi applikabbli l-preskrizzjoni tal-istess obbligazzjoni";

Ikkunsidrat:

11. Illi fil-procedura odjerna r-rikorrenti qieghed jippremetti li l-intimat ikkagunalu danni minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tal-kacca, (ara foll 2);

12. Illi kif jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata iz-17 ta' Jannar, 2013, effettivament hu assodat li d-danni hekk relamati mir-rikorrenti huma effettivament naxxenti minn reat kommess mill-istess intimat li ghalih l-istess intimat ammetta u kien sussegwentement ikkundannat, (ara foll 40 u 41);

13. Illi allura, gialadarba hawn qed jigu trattati danni ikkagunati b'reat, japplika l-artiklu 2154 (1) tal-Kap 16 fuq citat u konsegwentement ghandhom jigu ezaminati l-preskrizzjonijiet relattivi ghar-reati kriminali involuti;

14. Illi skont is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fuq riferita, l-artiklu relattiv hemm indikat fir-rigward jirrizulta li hu l-artiklu 328 tal-Kap 9 tal-istess ligijiet;

15. Illi l-artiklu *de quo* indikat fil-paragrafu precedenti jistipula s-segwenti:

> "Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna hruq, jew jaghmel xi hsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, .... jehel, meta jinsab hati:
>
> "b. jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi fuq il-persuna, li tkun iggib il-konsegwenzi imsemmijin fl-artiklu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tliet mija u disa' u ghoxrin euro u seba' u tletin centezmu (€2,329.37)";

Ikkunsidrat:

16. Illi fid-dawl tal-artiklu 2154 tal-Kap 16 fuq riferit issir ghalhekk referenza ghall-artiklu 688 tal-Kap 9 fuq ukoll citat li jghid is-segwenti:

> "Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi xort'ohra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –
>
> "(e) bl-gheluq ta' sentejn ghad-delitti suggeti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravenzjonijiet";

Ikkunsidrat:

17. Illi fid-dawl tas-suespost ghandu jirrizulta pacifiku li r-reat in dizamina li ghalih l-istess intimat ammetta u gie debitament ikkundannat jirrizulta li hu suggett ghall-piena ta' prigunerija ta' anqas minn sena, ghalkemm l-istess intimat inghata piena ferm inferjuri, (ara foll 41);

18. Illi fir-rigward tal-istess reat, il-preskrizzjoni stipulata ghall-istess permezz tal-artiklu 688(e) tal-Kap 9 fuq citat hi dik ta' sentejn (2);

Ikkunsidrat:

19. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Bartolomeo Xuereb vs. Carmelo Zammit*** datata z-***19 ta' Jannar, 2011***, li irriteniet li:

> "... li l-azzjoni ghar-risarciment ghad-danni titwieled malli jigi kommess l-att dannus";

Ikkunsidrat:

20.0. Illi minn ezami tad-dokumentazzjoni ipprezentata *in atti* jirrizulta sintetikament is-segwenti:

20.1. Illi skont ir-rikorrenti l-incident in dizamina sehh fid-9 t'April, 2004, (ara foll 1 u 2);

20.2. Illi pero` skont ittri ufficjali rispettivament datati l-21 ta' Frar, 2006, (ara foll 7), u t-18 ta' Jannar, 2008, (ara foll 8), id-data tal-incident *de quo* hi indikata bhala z-19 t'April, 2004;

20.3. Illi *di piu`* l-istess incident hu indikat li sar ukoll fiz-19 t'April, 2004, kemm fil-komparixxi li ta' bidu ghall-azzjoni kriminali, (ara foll 5), kif ukoll fis-sentenza fuq gia` riferita datata z-17 ta' Jannar, 2013, (ara foll 40);

20.4. Illi minkejja d-diskrepanza riskontrata jirrizulta assodat minghajr l-ebda ekwivoku li r-rikors guramentat promotur tal-procedura odjerna gie intavolat fis-7 ta' Marzu, 2014, (ara foll 1);

Ikkunsidrat:

21. Illi epurat is-suespost jirrizulta pacifiku li l-procedura odjerna giet intavolata tal-anqas disa' (9) snin u ghaxar (10) xhur wara l-incident *de quo*;

22. Illi ghalhekk jirrizulta minghajr l-ebda ekwivoku li l-perjodu preskrittiv fuq rilevat kien abbundantement issuperat;

23. Illi konsegwentement jirrizulta li l-azzjoni in dizamina ma gietx intavolata entro t-terminu stabbilit statutorjament fuq riferit;

Ikkunsidrat:

24. Illi *di piu`*, *stante* li l-fatt dannuz li minnu jilmenta r-rikorrenti huwa naxxenti minn reat, il-preskrizzjoni ta' sentejn (2) kif indikata mill-artiklu 2153 tal-Kodici Civili fuq riferit mhix

applikabbli ghall-fattispecie in dizamina u ghalhekk qed tigi respinta;

**DECIDE:**

25.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li l-intimat ipprova t-tieni parti tal-eccezzjoni tieghu, senjatament dik naxxenti mill-artiklu 2154 tal-Kodici Civili u konsegwentement, filwaqt li:

25.1. Tirrespingi l-eccezzjoni preliminari tal-intimat rigwardanti l-artiklu 2153 tal-Kap 16 *de quo*;

25.2. Takkolji l-eccezzjoni preliminari tal-istess intimat regwardanti l-artiklu 2154 tal-Kodici Civili fuq citat;

25.3. Tiddikjara ghalhekk li l-azzjoni odjerna hi preskritta *ai termini* tal-istess artiklu 2154 tal-Kodici Civili;

25.4. Tastjeni milli ghalhekk tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-azzjoni odjerna;

25.5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti fuq indikat.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**